MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-26 ta' April, 2007

Appell Kriminali Numru. 35/2007

Il-Pulizija
(Supt. S. Valletta)

Vs

Carmel Joseph Farrugia

Il-Qorti;

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli :

1. fl-Imsida fid-29 ta’ Jannar, 2002, wara nofs in-nhar, bil-qerq, ħoloq jew ġiegħel jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanża, sabiex dan il-fatt jew ċirkostanża, ikunu jistgħu ‘l quddiem jiswew bi prova kontra persuna oħra, bil-ħsieb li b’hekk din il-persuna tkun tista’ tiġi kontra s-sewwa akkużata jew misjuba ħatja ta’ reat;
2. fl-istess data, lok u ċirkostanżi, iddenunzja lill-pulizija esekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq ħoloq traċċi ta’ reat b’mod li jistgħu jinbdew proċeduri kriminali sabiex jiżguraw li dak ir-reat kien sar;

3. f’dawn il-Gżejjer, fl-istess data u ċirkostanżi, bil-ħsieb li jikseb għalih innifsu jew għal ħaddieħor il-ħlas ta’ flus ta’ sigurta’ kontra riskji, jew xi qliegħ ieħor mhux mistħoqq, iddistruġġja, xerred ‘l hawn u ‘l hemm jew għarraq b’xi mezz li jkun ħwejjeġ tiegħu;
4. f’dawn il-Gżejjer, fl-istess data u ċirkostanżi, ħalef il-falz quddiem Maġistrat jew quddiem uffiċjal ieħor li jkollu s-setgħa b’liġi li jagħti l-ġurament, liema ġurament kien meħtieġ mill-liġi, jew ordnat b’sentenza jew b’digriet ta’ waħda mill-qrati ta’ Malta;
5. f’dawn il-Gżejjer, fl-istess data u ċirkostanżi, irrenda ruħu reċidiv skond l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali wara li kien instab ħati b’sentenzi mogħtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-23 ta’ Jannar, 2007, li biha, ma sabitx lill-appellat hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu w ghalhekk illiberatu mill-istess akkuzi.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fis-6 ta’ Frar, 2007, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata, ssib htija w tinfliggi l-piena skond il-Ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat illi l-aggravju tal-appellant Avukat Generali jikkonsisti xott, xott fis-segwenti w cioe’ :- li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi , stante li dawn juru bic-car il-ftehim li kien hemm bejn Anthony u Carmel Farrugia. Il-fatt li Carmel Farrugia nnega, fl-isfond tal-provi, mhux kredibbli . B’ sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tat-30 ta’Gunju, 2003 , Anthony Farrugia kien instab hati dwar dan il-kaz u l-Qorti emmnet il-versjoni tieghu. Issa ma emmnithiex. Dan mhux konsistenti.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tat-8 ta’ Marzu, 2007, li bih l-appellant in linea preliminari qajjem l-eccezzjoni tan-

nullita’ tar-rikors tal-appell, ghaliex a bazi ta’ dak li ntqal fit-trattazzjoni orali mill-Prosekutur, l-appell kien limitat ghall-imputazzjonijiet li jidhru fir-rikors u cioe’ tnejn mill-hames akkuzi.

Semghet il-kjarifika tal-avukat prosekutur, Dr. Azzopardi, fejn iddikjara li ghalkemm fir-rikors ta’ l-appell issemmew biss tnejn mill-erba’ akkuzi u l-addebitu tar-recidiva, dawn kienu kollha koperti bin-nota ta’ l-Avukat Generali li indikat taht liema artikoli setghet tinstab htija mill-Ewwel Qorti, u li f’ dan l-appell kienet qed tigi mitluba ir-revoka tas-sentenza intiera fejn illiberat lill-appellant mil-erba akkuzi w mill-addebitu tar-recidiva. Ghalhekk it-talba saret korrettement ghar-revoka w gie osservat il-vot tal-art. 419 (1)( c ) tal-Kodici Kriminali. Il-fatt li fl-ewwel paragrafi tar-rikors ma ssemmewx l-akkuzi kollha w l-addebitu msemmi, ma jimpurtax in-nullita’ tar-rikors ta’ l-appell.

Rat il-verbal tad-difiza, fejn minkejja din il-kjarifika tal-prosekuzzjoni, ivverbalizzat li kienet qed tinsisti fuq din l-eccezzjoni tan-nullita’ tar-rikors ta’ l-appell minkejja l-kjarifikazzjoni li ghamel l-Avukat Generali u dan ghaliex l-aggravji ma jwasslux biex jigu revokati id-decizjonijiet ta’ liberazzjoni tal-akkuzi kollha. Issottomettiet ukoll li ma kienx hemm in-ness mehtieg bejn l-aggravji u t-talba ghar-revoka tad-dikjarazzjoni ta’ liberazzjoni fuq l-akkuzi kollha.

Semghet it-trattazzjoni fuq din il-pregudizzjali;

Rat in-Nota ta’ l-Avukat Generali tad-9 ta’ Marzu, 2007, li biha ddikjara li wara li ghamel il-verifiki sab li kien l-istess Magistrat Dr. Tonio Mizzi li ddecieda il-kaz kontra l-appellat odjern li ddecieda ukoll il-kaz kontra l-ko-akkuzat Anthony Farrugia .

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza limitatament fuq din il-pregudizzjali tal-appellat dwar in-nullita’ tar-rikors ta’ l-appell.

Ikkonsidrat;

Illi l-artikolu 419 tal-Kodici Kriminali jiddisponi li ir-rikors ta' l-appell, barra mill-indikazzjonijiet komuni ghall-atti gudizzjarji , ghandu jkun fih , taht piena ta' nullita',(a) il-fatti fil-qosor; (b) ir-ragunijiet ta' l-appell u (c) it-talba ghat-thassir jew ghat-tibdil tas-sentenza tal-Qorti inferjuri.

F'dan il-kaz ir-rikors tal-appell jerbah kull premju ghall-brevita' w jirrazenta l-istil tat-telegrammi jew ahjar, f' termini moderni, ta' xi SMS.

Mhux hekk biss imma minkejja li fl-akkuza originali, l-appellat kien gie akkuzat b' erba reati u bl-addebitu tar-recidiva, l-ewwel tlitt reati ma persuna ohra u r-raba' reat u l-addebitu tar-recidiva wahdu, u fin-nota ta' l-Avukat Generali tal-24 ta' Lulju, 2002 (fol. 107 tal-process rikostruwit)  fil-konfront tal-appellat issemmew l-artikoli kollha li jirriferu ghal dawn l-erba akkuzi w l-addebitu tar-recidiva, w cioe' l-artikoli 110(1)(2), 295, 108 u 49 u 50 tal-Kodici Kriminali bhala l-artikoli li taghhom tista' tinstab htija, fir-rikors tal-appell tieghu l-Avukat Generali, ppremetta li l-akkuzi kontra l-appellat kienu biss l-ahhar tnejn cioe' r-raba' akkuza li halef il-falz quddiem Magistrat u l-addebitu tar-recidiva.

Fit-talba tieghu fl-ahhar paragrafu tar-rikors ta' l-appell umbaghad l-Avukat Generali qed jitlob ir-revoka tas-sentenza **intiera** fejn illiberat lill-appellat u mhux qed jillimita t-talba tieghu ghar-revoka tas-sentenza ghal dak li jirrigwarda biss ir-raba akkuza w l-addebitu tar-recidiva, f' liema kaz kien messu jitlob ir-riforma w mhux ir-revoka tas-sentenza appellata w allura f' dak il-kaz l-appell kien ikun null ghax  dejjem gie ritenut li , meta talba kellha tkun dik ta' riforma  jew varjazzjoni tas-sentenza , izda, minnflok tintalab ir-revoka taghha, dan igib  bhala konsegwenza li ma jkunx gie osservat il-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 419 tal-Kodici Kriminali , b'mod ghalhekk li l-istess rikors tal-appell ikun null .  (App. Krim. **Pul. vs. Mario Camilleri"** –[3.12.2001]; **Il-Pulizija vs. Joe Borg** [21.7.1995] u ohrajn ).

Pero' f' dan il-kaz ir-rikors ta' l-appell fih it-tlitt rekwiziti mehtiega bil-ligi *ad validitatem* u taht piena ta' nullita*'* w minkejja l-brevita' u x-xuttagni esagerata tieghu w s-*"short cut"* li ha min abbozzah meta kien qed jippremetti ta' liema imputazzjonijiet l-appellat kien gie akkuzat, strettamente parlando, jidher li kif redatt xorta wahda jrrispetta l-vot tal-ligi ghaliex jikkontjeni paragrafu brevissimu - jekk mhux skeletriku - dwar il-fatti, iehor alkwantu skeletriku fejn jesponi l-uniku aggravju tieghu w cioe' li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti, ghax l-appellant ma kienx kredibbli w ghax issa l-Ewwel Qorti ma emmnitx il-versjoni ta' Anthony Farrugia w paragrafu fejn talab ir-revoka tas-sentenza appellata li biha l-appellat gie liberat u ssib htija w tinfliggi l-piena skond il-ligi.

Fil-waqt li tiddeplora bil-qawwa kollha dan l-istil monk fl-abbozzar ta' rikors ta' l-appell mill-prosekuzzjoni, din il-Qorti ma tistax tiddikjarah null *per se.* Jekk umbaghad ir-ragunijiet ta' l-appell esposti fir-rikors iwasslux lil din il-Qorti biex tilqa' l-appell jew jekk hemmx in-ness bejn l-aggravji w it-talba ghar-revoka tas-sentenza intiera, hija haga ohra. Li hu cert hu li din il-Qorti tista' tiehu in konsiderazzjoni biss ir-ragunijiet u l-aggravji li jkunu dedotti fir-rikors ta' l-appell u mhux ukoll xi "*ragunijiet l-ohra kollha li jistghu jirrizultaw fit-trattazzjoni tal-Appell*", kif qed jippretendi l-appellant fir-rikors tieghu.

Ghalhekk tirrespingi l-eccezzjoni tan-nullita' tar-rikors ta' l-appell u tordna l-prosegwiment tal-kawza fuq il-mertu.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------